MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Numru. 478/2009

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Samir Lotfi Fahim Tawdrous, iben Lotfi, imwieled l-Eġittu fl-14 ta’ Frar, 1967

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fil-15 ta’ Mejju, 2009 għal ħabta tad-9.15 p.m. ġewwa l-Ħamrun, bla ordni skond il-liġi ta’ Awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijjiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta l-ħati, arrest zamm jew issekwestra u hedded bil-mewt b’arma bil-ponta u li taqta lil Enasa Sobhy Zaky Attia Casha mill-Ħamrun, kontra l-volonta’ tagħha;

2.	talli fl-isem jum, lok u ċirkostanżi kine fil-pussess jew ġarr arm bil-ponta u li taqa' mingħajr il-liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;
3.	talli fl-istess jum, lok u ċirkostanżi kiser il-kwiet u il-paċi pubblika bl-għajjat u bil-ġlied.
F'każ ta' ħtija il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali a favor ta' Enas Sobhy Zaky Atttia Casha.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu, kif ukoll li l-parte ċivile ħafritlu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 86, 87 u 338(m) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.  Tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.  Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------